MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru. 173/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**CARMEL SIVE CHARLES PACE**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARMEL SIVE CHARLES PACE,** ta’ tnejn u erbghin (42) sena, bin il-mejjet Carmel u Maria nee’ Aquilina, imwieled l-Msida nhar il-25 ta’ Dicembru 1961, residenti 2, Flat 2, Melrose, Triq is-Snajja, Msida, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 67862(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fil-25 ta’ Frar 2004 gewwa Hal-Tarxien ghall-habta tal-kwarta ta’ filghodu seraq jew heba’ tarbija u cioe’ lil Carlos Schembri ta’ hames snin jew heba’ t-twelid taghha jew biddel tarbija ma’ ohra jew b’ingann ghamel tidher tarbija bhala mwielda minn mara li ma tkunx hellset.

U aktar talli:

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe’ lil Carlos Schembri ta’ hames snin kontra l-volonta’ tieghu, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

3. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies u cioe’ kontra Ruth Schembri u binha Carlos.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat mmarkat Dok CSH, fedina penali ta' l-imputat immarkata Dok CSH1 u il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Marzu 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja mmarkat bhala Dok. CSH 2.

**L-Ispettur Yvette Farrugia** xehdet nhar il-5 ta' Lulju 2004 u spjegat li nhar il-25 ta' Frar 2004 ghal habta ta' nofs il-lejl kienet marret Ruth Schembri ta' Block C, Flat 6, Triq l-Alfier De Medran, Tarxien taghmel rapport lill-Pulizija ta' Rahal Gdid li l-ex boy friend taghha certu Charles Pace, l-imputat odjern, kien mar fir-residenza taghha Hal Tarxien u qala' argument maghha. L-argument kien principalment fuq il-boyfriend taghha certu Martin Xuereb. Schembri kompliet tirrapporta li l-imputat waqt l-argument hataf sikkina minn fuq il-mejda, li ddeskriviet bhala sikkina kbira tal-kcina, u waqt li beda jsabbat biha fuq il-mejda mar u qajjem lit-tifel taghhom Carlos ta' hames snin. Hija qalet li ghalkemm tirrikonoxxi li l-imputat huwa missier Carlos, legalment mhux rikonoxxut bhala l-missier. Kompliet tispjega illi hija kellha tifla Christine ukoll minghand l-imputat. Spjegatilha li wara li libbes lit-tifel, l-imputat baqa' jxejjer is-sikkina u hadu mieghu barra il-flat, pero' peress li hasbet li l-imputat setgha jwegga' lil Carlos hija ma wriet l-ebda resistenza u hallietu jiehdu mieghu.

Il-Pulizija intervjenew u rnexxielhom isibu lit-tifel li kien ghand in-nanna, omm l-imputat gewwa l-Imsida. Meta l-Pulizija habtu mal-bieb, l-imputat kien hemm izda kien rieqed u ommu tathom lit-tifel Carlos.

L-Ispettur tkelmet mal-imputat l-ghada u dan qalilha li kellu xi jghid ma' Ruth ghaliex kienet cemplitlu u talbitu jixtrilha xi nappies. Huwa xtralha n-nappies u mar bihom Hal Tarxien izda meta ra lil Martin Xuereb hiereg mid-dar fejn kien

hemm Ruth baqa' tiela fuq u nqala' incident bejniethom. Spjega li fost l-affarijiet li ntqalu dakinhar jinghad li l-imputat stqarr li xtaq li jirrikonoxxi lit-tifel bhala ibnu u li ried jiehu lil Carlos mieghu dakinhar. L-ispettur tennet li l-imputat ammetta maghha wkoll li meta dahal sab li kien hemm sikkina fil-kcina u hadha mieghu meta telaq bit-tifel, liema sikkina pero' qal li remiha f'ghalqa hekk kif hareg mir-residenza ta' Ruth.

Hija esebiet l-istatement tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok YF1. (fol. 18).

Illi nhar il-5 ta' Lulju 2004 xehed **PS 1439 John Tabone** u kkonferma li nhar il-25 ta' Frar 2004 gie mitlub sabiex jaghti assistenza lil Ruth Schembri u qal li Ruth kienet qaltlu li l-imputat kien qallha li jekk jidhol ghandha certu Martin Xuereb huwa kien lest li jaqsmu fi tnejn. Qaltlu wkoll li dak il-hin qabad lit-tifel u sikkina mill-kcina u telaq 'il barra. Qaltlu wkoll li ghandha hamest itfal, tlieta minnhom ta' Martin Xuereb, wiehed ta' Charles Pace u iehor unknown father. Huwa ghamel kuntatt mal-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida u talab l-assistenza tal-Pulizija u ftit wara nfurmawh li t-tifel minuri Carlos ta' hames snin kien qieghed l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida. Spjega li lill-omm l-imputat ma kellimhiex u lanqas ma staqsa lil Ruth min kien verament missier dan it-tifel Carlos. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok YF 2.

**Ruth Schembri** xehdet nhar il-5 ta' Lulju 2004 u spjegat li dakinhar tal-25 ta' Frar 2004 kien mar ikellimha l-imputat izda wara ftit beda bil-paroli u qallha li jekk Martin jerga' jmur jaraha kien lest li jqattghu bicciet - bicca jpoggiha wara l-bieb u bicca johodha mieghu. Spjegat li dan Martin huwa l-gharus taghha. Mieghu ha flixkun inbid u xorbu ghandha u baqa' ghaddej bil-paroli. Qalet li wara qabad u ha sikkina u beda jsabbat fuq il-mejda. Imbaghad wara ftit qabad

qajjem lit-tifel li hu tieghu biddillu u hadu mieghu.  Qal li xtaq jiehu lit-tifla izda ma riditx tmur mieghu. Qalet li ma abbuzatx tmur hdejh peress li f'idejh kellu sikkina u beda jabbuza minnha fis-sens li beda jsabbatha mal-mejda. Sussegwentement cemplet lill-Pulizija u qaltilhom li hadilha lit-tifel.  Qalet ukoll li l-imputat kien fis-sakra u ma kinitx ser tmur hdejh. Spjegat li ma kienx l-ewwel darba li l-imputat heddidha.

**Ruth Vella Schembri** regghet xehdet nhar it-12 ta' Dicembru 2013 u kkonfermat li kient ipprezentat rapport kontra l-imputat odjern li gharfet fl-Awla rigward incident li kien sehh fi-25 ta' Frar 2004. Mistoqsija jekk riditx tkompli bil-kaz odjern hija wiegbet fl-affermattiv.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri ghalkemm kien irrilaxxja stqarrija nhar is-26 ta' Frar 2004 (Dok YF1) a fol. 18 tal-atti. Ikkonferma li huwa jaf lil Ruth Schembri u li kien ilu jafha ghal hmistax-il sena u li minnha ghandu zewgt itfal, tifla Christine u tifel Carlos li dak iz-zmien kellu sitt snin. Jghid li dakinhar fil-25 ta' Frar 2004 Ruth kienet cemplitlu u talbitu jmur jixtrilha xi hrieqi ghat-tifla li hija kellha minghand certu Martin Xuereb li huwa r-ragel ma' min bdiet tghix Ruth wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Qal li dakinhar kien mar ghandha ghal habta tad-9.30 p.m. wara li suppost kellu jitlaq mid-dar Martin u dan skond ma' qaltlu l-istess Ruth. Meta mar sab li Martin kien ghadu hemm u ghalhekk qaghad jistenna fil-karozza u ma telghax fuq. Appena telaq Martin, Ruth cemplitlu u qaltlu li setgha jmur ghax Martin kien lahaq telaq.

Huwa dahal ghandha u ha mieghu kif jaghmel is-soltu flixkun inbid u cemplilha Martin waqt li kien hemm u qallha 'hekk sew dak jidhol u jien ma nidholx' u dak il-hin dar fuq Ruth u qallha li 'hekk sew ghaliex kien hu li ghamel kollox fil-post'.

Hareg fil-gallerija u rega’ ra lil Martin barra u rrabja ghaliex lilu Ruth kienet tghidlu sabiex johodha ghand l-avukat sabiex taghmel garanzija fil-konfront ta’ Martin sabiex ma jkellimhiex.

Dak il-hin dahal gewwa ra sikkina fuq il-mejda u ta daqqa fuq il-mejda biha u ta’ daqqa ohra b’idu. Dak il-hin bdew jillatikaw ghaliex hu ried jirrikonoxxi lit-tifel u dar fuqha u qallha sabiex tlibbes lit-tifel ghaliex spiss kienet tghidlu sabiex jiehu lit-tfal ghaliex kienet xebghet minnhom. Mar u qajjem lil Carlos u ghenu jilbes. Dak il-hin halla s-sikkina fuq il-mejda u meta kien hiereg qabad is-sikkina li kienet tieghu ghaliex kien juzaha meta kellu hanut tal-laham. Huwa rema s-sikkina f’ghalqa u cempel lil Ruth u qallha li kien ser jirrikonoxxi lit-tifel u jekk rieditu kellha tiggieled ghalih. Mar bit-tifel ghand ommu l-Imsida.

Filghodu kien induna li ommu kienet ghaddiet lit-tifel lill-pulizija matul il-lejl. Mistoqsi li kieku ommu qajmietu mal-lejl kienx jaghti lit-tifel lill-puliizja jwiegeb u jghid li kieku kien issaqsi lill-pulizija ghaliex ommu riditu wara li kienet hi stess li tatulu. Qal li kien ha s-sikkina sabiex ibezza lil Ruth biha pero’ lejn it-tifel qatt ma poggiha.

Il-Qorti qabel xejn jidhrilha opportun li taghti l-*iter* ta’ dan il-process peress li sejjer jigi deciz hdax-il sena wara li l-kaz kien gie rapportat:

1. Il-Prosekuzzjoni pprezentat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat odjern nhar it-3 ta’ Marzu 2004 u l-kaz gie appuntat minn din l-istess Qorti ghat-30 ta’ Marzu 2004. Izda dakinhar ghalkemm dehret il-Prosekuzzjoni l-imputat naqas li jidher.

2. In segwitu din il-Qorti zammet tmien seduti ohra ghas-smiegh tal-provi pero' f'sebgha seduti konsekuttivi l-imputat ma deherx u f'erbgha seduti minnhom lanqas ma dehret il-Prosekuzzjoni jew il-*parte civile* u ghalhekk nhar is-27 ta' April 2005 din il-Qorti iddifferiet il-kawza *sine die*.
3. Sitt snin wara u appuntu fil-5 ta' Dicembru 2011 il-Prosekuzzjoni ipprezentat rikors sabiex il-kawza tigi riappuntata u b'digriet taghha tat-3 ta' Jannar 2012 appuntat il-kawza ghall-1 ta' Frar 2012.
4. Izda fl-1 ta' Frar 2012 ma deher hadd u ghas-sitt seduti sussegwenti l-imputat qatt ma deher u ghalhekk din il-Qorti ghal darb'ohra nhar it-13 ta' Awwissu 2012 regghet iddifferiet il-kawza sine die riappuntabbli una volta l-Prosekuzzjoni jkollha l-indirizz tal-imputat.
5. Fid-29 ta' Awwissu 2012 il-Prosekuzzjoni pprezentat rikros iehor sabiex din il-kawza terga' tigi riappuntata u b'digriet taghha tat-30 ta' Awwissu 2012 din il-Qorti ri-appuntat il-kawza ghal nhar it-18 ta' Settembru 2012.
6. Illi mit-18 ta' Settembru 2012 sal-ahhar seduta u cioe' nhar is-27 ta' Frar 2014 din il-Qorti zammet erbgha u ghoxrin (24) seduta u f'dawn is-seduti appuntati li nzammu dejjem mill-Qorti l-imputat ma deherx f'sittax-il (16) seduta u gie mmultat diversi drabi, u meta deher kien biss assistit f'zewg seduti. Il-Prosekuzzjoni ma dehritx f'ghaxar (10) seduti.
7. Illi din il-Qorti tat diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex ihejji d-difiza tieghu u sabiex jidher assistit izda minkejja dan l-avukat difensur tieghu stqarr li l-imputat ma marx ikellmu nonostante li kien gie mwissi mill-Qorti u l-imputat baqa' jsostni li jkun assistit mill-avukat tax-xelta tieghu billi jmur ikellmu ftit sekondi barra l-Awla. Kien biss fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014 li deher Dr Kris Busietta u nforma lill-Qorti li Dr Jason Azzopardi kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-imputat.
8. Illi ghalhekk wara dan iz-zmien kollu din il-Qorti illum tinsab fi stadju li taghti d-decizjoni taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab il-Qorti u mitlub iwiegeb ghall-erbgha akkuzi, li whud minnhom huma ta’ natura serja hafna u li jgibu maghhom sentenza ta’ prigunerija u ohrajn ta’ mportanza inqas serja stante li huma kontravenzjonali.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 210 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ li nhar il-25 ta’ Frar 2004 gewwa Hal Tarxien seraq jew heba tarbija u cioe’ lil Carlos Schembri ta’ hames snin. Illi ghalhekk sabiex jissussti dan ir-reat huwa necessarju li l-Prosekuzzjoni tipprova jew li seraq it-tifel jew li hbieh. Izda mill-provi prodotti anke mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess, ma jirrizultax li l-imputat f’xi hin seraq xi tifel anzi jirrizulta kemm mix-xhieda tal-parte civile u anke mill-istatement tieghu li huwa ha lill-ibnu mieghu malli libsu ghaliex kien tard filghaxija u dan fil-presenza ta’ ommu telaq bih u nforma lill-omm it-tifel li kien ser jiehu lit-tifel ghand in-nanna paterna tieghu. Ma jirrizultax li f’xi hin serqu u lanqas li hbieh ghaliex addirittura kien hu stess li stqarr fejn kien it-tifel u dan mhux kontestat ghaliex il-parte civile Ruth tghid li kienet hi li cemplet lill-pulizija u qaltilhom fejn kien it-tifel u meta l-pulizija marru ghalih sabuh hemm u omm l-imputat minnufih ghaddiet lit-tifel lill-Pulizija. Dan ir-reat ghalhekk zgur ma jirrizultax.

Dwar it-tieni akkuza u cioe’ dak ta’ arrest u sekwestru ta’ persuna ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ha tifli x-xhieda li semghet fid-dawl ta' din l-akkuza. Il-Qorti thoss li ghandha tispjega x'inhuma l-elementi tar-reat ta' sekwestru ta' persuna.

**L-Artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li**:

*"Kull min bla ordni skond il-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u dan hu partikolarment li l-imputat ma kellux awtorita' skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra, jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Carlos Schembri?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w t-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lill-persuna ghall-moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu <u>l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika</u> jindika li taht dan il-Kap jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita' ma jkunx

punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissussisti '*by words alone if one submits.*' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax ta' Novembru 1990.]

**Maino** fil-ktieb tieghu '**Commento al Codice Penale'** jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhall-Artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo o di soccorso*"

Ma jirrizultax li kien hemm xi forza fizika fit-tehid tal-allegat vittma mid-dar fejn kien jirrisjedi ma' ommu. Jirrizulta bla tlaqliq ta' xejn li t-tifel mar ma' missieru l-imputat bl-approvazzjoni ta' ommu l-parte civile u dan qed jinghad ghaliex fl-ebda hin ma qalet il-parte civile li hija pprovat twaqqaf lill-imputat milli jiehu lill-ibnu u ghalhekk zgur li sa dak il-hin ma kienx qed jigi sekwestrat ghaliex it-tifel mar ma' missieru wara li l-istess missieru libsu fil-presenza ta' ommu li fl-ebda hin ma qalet li ma qablitx ma' din id-decizjoni jew li ittentat twaqqfu milli jiehdu mieghu; m'ghamlet ebda agir ta' rimostranza ghalhekk dan ir-reat ma jirrizultax lanqas.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' li minghajr ma darab jew sawwat bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin qabad arma kontra Ruth Schembri u Carlos Schembri.

M’hemmx dubbju li din tirrizulta fuq ammissjoni tal-imputat stess meta jghid li qabad is-sikkina u ta’ daqqa biha u hadha sabiex ibezza lil Ruth Schembri biha. Fil-konfront ta’ Carlos Schembri ma tirrizultax.

Dwar ir-raba’ akkuza u cioe’ li kiser il-paci pubblika din ma tirrizultax lanqas remotament.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 86, 210, 330(1)(b) u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMEL SIVE CHARLES PACE hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu salv u b’eccezzjoni ghall-kontravenzjoni li qabad arma u cioe’ sikkina *(arms improper)* fil-konfront ta’ Ruth Schembri u tikkundannah il-massimu ammenda permess mill-ligi ta’ sitta u hamsin ewro (€56).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------